MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2011

Numru 172/2005

Il-Pulizija
(Spettur A. Gafa)

vs

Lydon Laudi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ identita numru 212985M akkuzat talli:

Fis-6 ta’ Frar 2005, fuq il-monti ta’ Marsaxlokk u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

a) Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh

jew prodott ta’ industrija, jew manifattura; jew xjentement ghamilt uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghejt tali merkanzija; jew xjentement qieghdt fic- cirkulazzjoni, bieghejt jew zammejt ghandek ghall-bejgh jew importajt ghal hsieb tal-kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe DVDs, loghob tal-Playstation u oggetti ohra allegatament foloz u dan bi ksur ta’l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

b) Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproducejt jew ikkopjajt, jew bieghejt, qassamt, jew mod iehor offrejt ghal bejgh jew biex jitqassmu, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il- ligi ta’ Malta u dan bi ksur ta’ Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

c) Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irripoducejt jew ikkopjajt, jew bieghejt, jew qassamt, jew mod iehor offrejt ghal bejgh jew biex jitqassmu minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b’licenzja, jew bhala parti minn attivita’ koperta b’tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill- jeddijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-ligi ta’ Malta u dan bi ksur ta’ L-Avviz Legali 120 tal-1992.

Il- Qorti mitluba sabiex fil-kas ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna wkoll il- konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti u tirrevoka l-licenzja ta’ mahruga f’isem Lydon Laudi.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux apposta.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizjonata ghall-imputazzjonijiet li taghhom jinsab akkuzat li jittrataw l-qerq fil-kummerc jew l-industrija u d-drittijiet tal-awtur;

Stante ammissjoni ssib l-imputat hati tal-akkuzi;

Rat l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f), 298 B u 17 tal-Kap 9 u r-regolament tal-Avviz Legali 120/1992.

Tiddeciedi wara li ikkunsidrat il-fedina penali tieghu li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Tordna d-distruzzjoni, izda mhux ukoll r-revoka tal-licenzja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------